

**Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva Żgħażaġħ f'Moviment –
approċċ integrat bi tweġiba għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh**

(2010/C 326/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA:

1. L-Istrateġija *Ewropa 2020*, li tistabbilixxi objettivi ambizzjużi għal tkabbir bil-għaqal, inklużiv u sostenibbli li għandhom jintlaħqu matul id-deċennju li jmiss, li tenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa għal azzjoni biex jittejjbu l-livelli tal-edukazzjoni, jiżiedu r-rati tal-impjieg u għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, u li tidentifika mira ewlenija speċifika rigward l-edukazzjoni⁽¹⁾, kif ukoll oħrajn relatati mal-impjieg⁽²⁾, l-inklużjoni soċjali⁽³⁾, u r-riċerka u l-innovazzjoni⁽⁴⁾;
2. il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("*ET 2020*")⁽⁵⁾, li jibqa' l-bażi għal tali kooperazzjoni u li jikkomplementa l-Istrateġija *Ewropa 2020* billi jenfasizza l-kontribut kruċjali li jagħtu l-edukazzjoni u t-taħriġ biex jegħlbu l-bosta sfidi soċjoekonomiċi, demografiċi, ambjentali u teknoloġiċi li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa llum, u li jistabbilixxu erba' objettivi strateġiċi⁽⁶⁾ li għandhom l-għan li jiżguraw prosperità ekonomika sostenibbli u impjegabbiltà, kif ukoll is-sodisfazzjon personali, soċjali u professjonali taċ-ċittadini kollha;
3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh⁽⁷⁾, li tirrikonoxxi li l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni professjonali ta' rġiel u nisa żgħażaġh hija parti essenzjali fil-kisba tal-objettivi tal-istrateġija tal-Ewropa għat-tkabbir u l-impjieg, filwaqt li fl-istess ħin ikunu promossi s-sodisfazzjon personali, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. Huwa ta' importanza kruċjali li n-nisa u l-irġiel żgħażaġh kollha jkollhom il-possibbiltà li jisfruttaw il-potenzjal tagħhom bl-aħjar mod. Għalhekk ir-Riżoluzzjoni

⁽¹⁾ Il-mira tikkonċerna żewġ oqsma: Li r-rata ta' tluq bikri mill-iskola titnaqqas għal inqas minn 10 %, u li jiżdied għal mill-inqas 40 % l-proporzjon ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena li jkunu kisbu livell ta' edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti.

⁽²⁾ Li r-rata tal-impjieg għan-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena tasal sa 75 %, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni akbar miż-żgħażaġh, il-ħaddiema aktar avvanzati fl-età u l-ħaddiema bi ffit kwalifiki u permezz tal-integrazzjoni aħjar tal-migranti legali.

⁽³⁾ Li mill-inqas 20 miljun persuna jinħarġu mir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni.

⁽⁴⁾ Li jittejjbu l-kondizzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari bl-għan li l-livelli ta' investiment pubbliku u privat flimkien f'dan is-settur jitwasslu għal 3 % tal-PDG.

⁽⁵⁾ ĠU C 119, 28.5.2009.

⁽⁶⁾ Objettiv 1: Li jsiru realtà t-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà; Objettiv 2: It-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ; Objettiv 3: Il-promozzjoni tal-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva; Objettiv 4: It-tisħiħ tal-kreattività u l-innovazzjoni, inkluża l-intraprenditorija, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

⁽⁷⁾ ĠU C 311, 19.12.2009.

tappella għal inizjattivi speċifiċi fil-qasam taż-żgħażaġh — jiġifieri politiki u azzjonijiet li huma mmirati speċifikament lejn iż-żgħażaġh f'oqsma bħat-tagħlim mhux formali, il-parteċipazzjoni, l-attivitajiet volontarji, il-ħidma maż-żgħażaġh, il-mobbiltà u l-informazzjoni, l-inklużjoni soċjali, il-kultura u s-saħħa. Din tappella wkoll għal inizjattivi ta' integrazzjoni — jiġifieri inizjattivi li jippermettu approċċ transectorjali bejn il-politiki taż-żgħażaġh u oqsma oħra ta' politika rilevanti.

4. Fl-Istrateġija *Ewropa 2020*, l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea għandhom jimplementaw ir-riformi mmirati lejn tkabbir intelliġenti u inklużiv, jiġifieri tkabbir stimolat mill-għarfien u l-innovazzjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa. Dawn għandhom jimmiraw lejn titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, lejn it-tisħiħ tar-riċerka u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien madwar l-UE. Dawn għandhom iħeġġu l-ispiritu intraprenditorjali u jgħinu biex jitraduċu ideat kreattivi fi prodotti innovattivi, servizzi u proċessi li jistgħu joħolqu tkabbir, impjegi ta' kwalità u sostenibbli, koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, u jindirizzaw b'mod aktar effiċjenti u effettiv l-isfidi relatati mas-soċjetà Ewropea u globali.

JILQA':

il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Żgħażaġħ f'Moviment: Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażaġh biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea⁽⁸⁾, li tpoġġi liż-żgħażaġh fiċ-ċentru ta' aġenda qafas għall-UE,

WAQT LI JISTENNA B'INTERESS LI:

jitqiesu l-proposti li jinsabu fl-inizjattiva, li tinkludi azzjonijiet ġodda ewlenin kif ukoll ir-rinfurzar tal-attivitajiet eżistenti, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak Ewropew, bil-ħsieb li jgħinu liż-żgħażaġh iwiegħbu għall-bosta sfidi soċjoekonomiċi li jiffaċċjaw u biex jirnexxu fis-soċjetà tal-għarfien,

JIRRIKONOXXI LI:

1. Filwaqt li l-prospertà tal-Ewropa tiddependi fil-biċċa l-kbira miż-żgħażaġh tagħha, għad hemm bosta minnhom li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet konsiderevoli biex jissodisfaw il-potenzjal tagħhom u jagħtu l-kontribut tagħhom lis-soċjetà: numru kbir minnhom jitolqu mill-iskola mingħajr kwalifiki jew b'ħiliet insuffiċjenti, ma jirnexxilhomx isibu impjieg u jsibu ruħhom f'riskju ta' esklużjoni soċjali, u konsegwentement dan jinvolvi spejjeż kbar kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà fl-intier tagħha. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata meħtieġ approċċ transectorjali aktar integrat għall-politiki dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ,

⁽⁸⁾ Dok. 13726/10.

iż-żgħażaġh, l-impjegji u dawk soċjali li jibnu fuq il-punti tajbin attwali u jiżviluppaw miżuri ġodda u effettivi.

2. L-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-istrumenti nazzjonali dwar it-tagħlim tul il-ħajja, li huma importanti peress li jippermettu mhux biss liż-żgħażaġh, iżda wkoll lill-adulti, biex jiksibu, jżommu u jiżviluppaw l-għarfien, ħiliet u kompetenzi permezz tal-karrieri tagħhom, tibqa' sfida għal bosta Stati Membri. B'mod partikolari, meħtieġa aktar opportunitajiet ta' tagħlim flessibbli li jippermettu mobbiltà bejn sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ differenti, kif ukoll bejn ambjenti ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, għal nisa u rġiel fi stadji differenti ta' ħajjithom, u li jistgħu jattiraw lil studenti mhux tradizzjonali.
3. Fis-snin li ġejjin għadd dejjem akbar ta' impjegji ser jeħtieġu livell għoli ta' kwalifiki⁽¹⁾, madankollu l-UE għandha perċentwali aktar baxxa ta' persuni b'livell ta' kwalifiki terzjarju jew ekwivalenti⁽²⁾, kif ukoll proporzjon aktar baxx ta' riċerkaturi, mill-kompetituri tagħha. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Ewropa ser teħtieġ sħubijiet ta' għarfien u rabtiet aktar b'saħħithom bejn id-dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tar-riċerka u tan-negozju, sabieħ it-triangolu tal-għarfien jissaħħaħ. Din ser tipprovdi wkoll mezz biex jiġi żgurat li dawk li għandhom impjegji ta' ftit kwalifiki jkun f'pożizzjoni aħjar biex jaddattaw għad-domandi li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol.
4. Minbarra li tissodisfa l-oġġettivi personali u soċjoekonomiċi, il-mobbiltà fit-tagħlim tista' tipprovdi mod utli biex issaħħaħ l-impjegabbiltà u biex jinkisbu jew jissaħħu l-kompetenzi professjonali, pedagoġiċi, lingwistiċi, interpersonali u interkulturali. Hija tista' tikkontribwixxi wkoll għal titjib fil-kwalità tal-istitutazzjonijiet edukattivi u l-kooperazzjoni bejniethom. Għalkemm il-programmi u l-istrumenti ta' politika tal-UE taw kontribut sinifikanti f'dan il-qasam, għad hemm potenzjal konsiderevoli mhux esplorat għall-mobbiltà fit-tagħlim, li spiss wisq jibqa' l-eċċezzjoni. L-opportunitajiet tal-mobbiltà fit-tagħlim f'kuntest edukattiv formali għandhom jiġu inkoraġġuti b'mod attiv għal gruppi bħal studenti adulti żgħażaġh, għalliema, ħarrieġa u persunal edukattiv. L-adulti żgħażaġh għandhom ukoll ikunu jistgħu jibbenefikaw minn tali opportunitajiet f'ambjenti ta' tagħlim mhux formali jew informali. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu esplorati forom innovattivi ġodda ta' mobbiltà bħal din, inkluża l-mobbiltà virtwali, filwaqt li għandu jitwessa' l-aċċess għaliha, b'attenzjoni partikolari għal gruppi u sessi żvantaġġati.

GĦALDAQSTANT JAQBEL LI:

1. Filwaqt li jaħdmu biex jiksibu l-għanijiet tal-inizjattiva *Żgħażaġħ f'Moviment*, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri

⁽¹⁾ Il-proporzjon ta' impjegji li jeħtieġu kwalifiki ta' livell għoli ser jiżdied minn 29 % fl-2010 għal madwar 35 % fl-2020 (stimati tas-Cedefop).

⁽²⁾ Il-proporzjon ta' nies fl-UE b'livell ta' edukazzjoni terzjarju jew ekwivalenti fl-2009 kien ta' 32,3 % (Eurostat).

għandhom jikkooperaw fil-kuntest ġenerali tal-Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jiżguraw konsistenza mal-arranġamenti eżistenti, b'mod partikolari dawk li saru taħt il-qafas strateġiku "ET 2020" għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Istrateġija Ewropea dwar l-impjegji u l-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, il-proċeduri ta' monitoraġġ u rappurtar għandhom jitwettqu kollha fi ħdan dawn l-oqfsa u f'konformità mal-prinċipji u l-oġġettivi ġenerali rispettivi tagħhom. Jeħtieġ li l-azzjonijiet jiġu kkoordinati mill-qrib, bl-involviment u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti f'kull livell, inkluż permezz tad-djalogu strutturat.

2. Il-Linji Gwida Integrati Ewropa 2020⁽³⁾ jipprevedu qafas għal azzjonijiet ta' politika kkoordinati, li l-maġġoranza tagħhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Permezz tal-monitoraġġ adatt, it-tagħlim bejn il-pari u t-tħejjija tal-kontribut għall-Kunsill Ewropew, il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport (EYCS) għandu jkollu rwol prinċipali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva *Żgħażaġħ f'Moviment* u l-Istrateġija aktar ġenerali Ewropa 2020, inkluż il-kompitu speċifiku li jinkisbu l-miri ewlenin tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
3. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex iż-żgħażaġh jiġu meġhuna jegħlbu l-bosta sfidi soċjoekonomiċi li jiffaċċjaw. Madankollu, fi żmien ta' restrizzjoni baġitarja, dawn l-isforzi għandhom ikunu ffokati fuq l-għamla tal-aħjar użu u r-razzjonalizzazzjoni tal-oġġettivi ta' politika u l-investimenti, billi norbtu dawn aktar mill-qrib mal-għanijiet tal-Ewropa 2020 u mal-prijoritajiet tal-qafas strateġiku "ET 2020".
4. Waqt li l-ambitu tagħhom jestendi lil hinn minn dak tal-inizjattiva *Żgħażaġħ f'Moviment*, huwa ċar li l-programmi eżistenti tal-UE bħat-*Tagħlim Tul il-Ħajja*, *Erasmus Mundus* u l-programmi *Żgħażaġħ Attivi* jagħtu kontribut importanti fil-kisba tal-għanijiet ta' din l-inizjattiva, kif ukoll dawk tal-Istrateġija Ewropa 2020 b'mod ġenerali. Kemm l-ambitu wiesa' tal-programmi kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-inizjattiva għandhom ikunu rikonoxxuti meta tiġi ddisinjata l-ġenerazzjoni ta' programmi li jmiss.
5. Għandha tiġi inkoraġġuta b'mod attiv aktar mobbiltà, inkluż il-mobbiltà ma' pajjiżi terzi u ma' pajjiżi kandidati, bl-użu ta' programmi u mekkaniżmi adatti. Il-mobbiltà fit-tagħlim għandu wkoll ikollha dimensjoni kwalitattiva, u għandha tkun ibbażata fuq kooperazzjoni żviluppata sew bejn

⁽³⁾ Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għal-Linji Politiċi tal-Istati Membri dwar l-impjegji: Parti II tal-Linji Gwida Integrati għall-Ewropa 2020.

l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Bil-ħsieb li jiżdiedu l-kwalità u d-diversità tal-mobbiltà, għandu jiġi esplorat il-potenzjal offrut minn forum eżistenti oħra ta' kooperazzjoni. Madankollu, il-mobbiltà m'għandhiex titqies bħala għan fih innifsu, iżda pjuttost bħala mezz biex tissaħħaħ il-kisba ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi u biex jingħelbu l-isfidi personali u soċjali.

JAQBEL ULTERJORMENT LI:

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi deskritti, meħtieġa miżuri kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell Ewropew li — filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-solidarjetà — ser jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi u l-miri ewlenin aktar wesgħin tal-Istrateġija *Ewropa 2020*, kif ukoll tal-inizjattivi ewlenin assoċjati tiegħu.

Fil-qafas tal-inizjattiva ewlenija *Żgħażaġħ f'Moviment*, għandhom jitqiesu l-linji ta' azzjoni li ġejjin:

B'attenzjoni speċifika għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

- Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa ta' strateġiji integrati ta' taġħlim tul il-ħajja,
- L-iżguraw tal-kisba tal-kompetenzi ewlenin li kull individwu, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn sfond żvantaġġat, jeħtieġ għas-suċċess f'soċjetà mmexxija mill-għarfien,
- Iż-żieda tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti,
- It-titjib fil-kwalità u l-attrattiva tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, partikolarment fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,
- Il-promozzjoni tal-benefiċċji tal-mobbiltà fit-taġħlim f'termini ta' aktar għarfien, ħiliet u esperjenza.

B'attenzjoni speċifika għall-qasam taż-żgħażaġh:

- Il-promozzjoni ta' approċċ intersettorjali bejn il-politiki taż-żgħażaġh u oqsma ta' politika rilevanti oħra,
- Ir-rinfurzar kemm tal-kwalità kif ukoll tal-kwantità tal-mobbiltà għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet, f'ambjenti ta' taġħlim mhux formali u informali,
- Il-promozzjoni ta' riżultati ta' taġħlim mhux formali u informali u t-titjib tar-rikonossiment taġħhom, sabiex iż-żgħa-

zaġh adulti jkollhom aċċess aktar faċli għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali u għas-suq tax-xogħol,

- L-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika.

B'attenzjoni speċifika għall-qasam tal-impjiegi:

- Il-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-impjiegi għandhom ikopru b'mod ikkoordinat sew is-sekwenza ta' passi li iż-żgħażaġh jeħtieġ li jieħdu fit-trażizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol. Il-politiki dwar l-impjiegi għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u għat-titjib tal-prospetti tal-impjiegi taż-żgħażaġh, bħala kontribut ewleni għall-mira tal-impjiegi ta' 75 % stabbilita fl-Istrateġija *Ewropa 2020* għall-impjiegi u t-tkabbir.

GĦALDAQSTANT JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĤHOM:

Biex jimplementaw bis-sħiħ l-azzjonijiet eżistenti u jiżviluppaw inizjattivi ta' politika futuri li għandhom l-għan li jiksbu l-oġettivi wesgħin tal-inizjattiva *Żgħażaġħ f'Moviment* fil-kuntest wiesa' tal-Istrateġija *Ewropa 2020*, kif ukoll biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE li tirrigwarda speċifikament l-edukazzjoni u t-taħriġ.

Meta jaġħmlu dan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom:

1. Jiżguraw kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-oqsma ta' politika relatati kollha, b'mod partikolari l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, l-affarijiet soċjali, l-impjiegi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, bil-ħsieb li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' oġettivi komuni;
2. Jiżguraw li l-Kunsill EYCS u formazzjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill jaġħmlu l-parti sħiħa taġħhom fl-Istrateġija *Ewropa 2020*, b'mod partikolari billi jipprovdu kontribut regolari lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE;
3. Jirrazzjonalizzaw u jiżguraw l-użu sħiħ u effiċjenti tal-programmi u l-baġits tal-UE, inkluż — fejn adatt — billi jorbtu dawn mar-riżorsi nazzjonali u dawk reġjonali u billi jikkunsidraw l-użu ta' fondi strutturali u ta' koeżjoni Ewropej u l-Bank Ewropew tal-Investment;
4. Ifittxu li jimmassimizzaw il-potenzjal ta' sorsi ġodda oħra u possibbli ta' finanzjament għall-promozzjoni tal-mobbiltà fit-taġħlim u l-impjiegi;
5. Iqisu l-implikazzjonijiet ta' dawn il-konklużjonijiet għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-UE u l-Qafas Finanzjarju li jmiss tal-UE.